# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **54/2022 (AD)**

## ALEXANDER AGIUS (KI 81573M), MARTU NATALINA SIVE NATALIE AGIUS (KI 8973M) U FRANCIS AGIUS (KI 726647M)

**vs**

## JEAN CLAUDE BUGEJA (KI 181372M)

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Jean Claude Bugeja, rigward in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti milli tisma' din il-kawża fil-mertu. L-intimat Bugeja jikkontendi illi, a tenur tal-Artikolu 5A tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili (LS 12.19) hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċjali) li għandha l-kompetenza *rationae materiae* li tisma' u tiddeċiedi dan ir-rikors;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors ġuramentat preżentat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti ppremetew illi huma kienu klijenti tas-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited (minn issa 'l quddiem *"Maltese Cross"*), illi tagħha l-intimat Jean Claude Bugeja kien direttur eżekuttiv u f'isimha pprovda servizzi ta' investimenti lill-atturi rigward investimenti mixtrija minnhom permezz tal-istess kumpanija, liema investimenti kienu miżmuma u kontrollati mill-istess soċjeta' f'kapaċita' fiduċjarja;

3. Eventwalment, f'Awwissu tas-sena 2014, l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn issa 'l quddiem *"MFSA"*), ħarġet avviż pubbliku illi permezz tiegħu informat lill-pubbliku illi l-liċenzja u l-operazzjoni ta' Maltese Cross kienu ġew sospiżi b'effett immedjat stante li l-MFSA kienet qed tinvestiga l-operat tas-soċjeta' Maltese Cross. Minn dakinhar, l-MFSA: (a) irrevokat l-approvazzjonijiet mogħtija lill-intimat Jean Claude Bugeja sabiex jaġixxi bħala Direttur, *Compliance Officer, Money Laundering Reporting Officer* u uffiċjal li jista' jipprovdi servizzi ta' pariri ta' investimenti; (b) innotifikat lill-pubbliku (inkluż r-rikorrenti) illi Maltese Cross ma setgħetx tilħaq l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-*claims* li jsiru mill-investituri tagħha; (c) innotifikat lill-pubbliku illi Maltese Cross kellha nuqqas ta' bejn sitt miljun Ewro (€6,000,000) u seba' miljun Ewro (€7,000,000) f'assi tal-klijenti tagħha, liema *"shortfall appears to have arisen from the alleged misuses and manipulation of clients' assets"* u li konsegwenza t'hekk *"a significant amount of investments belonging to clients have been lost"*. Il-Pulizija pproċedew bi proċeduri penali fil-konfront tal-intimat Jean Claude Bugeja, u r-rikorrenti qed isostnu illi kien per kawża tar-reati u nuqqasijiet gravi tal-intimat Jean Claude Bugeja illi huma ġarrbu danni konsistenti f'telf qawwi tal-kapital investit u tad-dħul ieħor relattiv;

4. Konsegwentement, ir-rikorrenti intavolaw il-kawża odjerna, illi permezz tagħha qed jitolbu lil din il-Qorti:

a. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Jean Claude Bugeja naqas mill-obbligi tiegħu bħala direttur tal-kumpaniji skont il-liġijiet viġenti, b'mod partikolari l-Att dwar il-Kumpaniji, l-Att dwar Servizzi tal-Investiment u liġijiet sussidjarji tagħha, l-obbligi fiduċjarji ai termini tal-Kodiċi Ċivili, u li aġixxa b'qerq, frodi u misapproprjazzjoni fil-konfront tal-atturi bħala klijenti tas-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited;

b. Tiddikjara u tiddeċiedi illi, b'riżultat ta' dan l-aġir u tan-nuqqasijiet attribwibbli lill-konvenut Jean Claude Bugeja, ir-rikorrenti sofrew danni konsistenti f'telf ta' kapital fid-data tas-7 t'Awwissu 2014, u cioe fil-każ ta' Alexander u Natalina Agius fis-somma ta' €134,097 jew somma verjuri u fil-każ ta' Francis Agius, €5,202 jew somma verjuri;

c. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi għamlu telf ta' qligħ fil-perjodu kollu minn dak iż-żmien, liema telf ta' qligħ jikkonsisti mill-imgħax legali fuq is-somom kapitali kollha mtellfin lilhom u liema imgħax legali huwa dekorribbli mid-data ta' meta l-intimat Jean Claude Bugeja ġie l-ewwel darba impoġġi in *dolo, culpa* u *mora* permezz tal-protest ġudizzjarju tas-26 t'Awwissu 2014;

d. Tillikwida l-imgħax legali dovut lill-atturi skont it-talba preċedenti, occorrendo previa l-opera ta' periti nominandi;

e. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-atturi, fil-każ ta' Alexander u Natalina Agius is-somma ta' €134,097 jew somma verjuri, fil-każ ta' Francis Agius is-somma ta' €5,202 jew somma verjuri, kif ukoll l-imgħax legali kif likwidat;

5. Mill-banda l-oħra, permezz ta' risposta ġuramentata datata disgħa (9) ta' Marzu 2022, l-intimat Jean Claude Bugeja oġġezzjoni għat-talbiet rikorrenti billi ssolleva numru ta' eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu, fosthom l-ewwel eċċezzjoni preliminari kif issegwi:

*Illi fl-ewwel lok, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tisma' din il-kawża minħabba nuqqas ta' kompetenza. Fil-mertu ta' din l-azzjoni hemm kwistjonijiet dwar drittijiet ta' kredituri ta' soċjeta' b'responsabbilita' limitata li qiegħda fil-proċess li tiġi stralċjata, ir-responsabbilita' tad-diretturi ta' din is-soċjeta', il-personalita' ġuridika separata u distinta tal-azzjonisti mill-istess soċjeta' u l-allegat negozju frawdolenti jew negozju ħażin u responsabbilita' delittwali ta' direttur ta' soċjeta' b'responsabbilita' limitata. Dawn il-kwestjonijiet huma kollha regolati permezz tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, a tenur tal-Artikolu 5A tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19, hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċjali) li għandha l-kompetenza* rationae materiae *li tisma' u tiddeċiedi dan ir-rikors, u mhux din l-Onorabbli Qorti*;

6. Waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Marzu 2022, din il-Qorti, wara li semgħet lill-Avukati difensuri jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar kif għandha tiġi stradata l-kawża dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet sollevata mill-konvenut, dehrilha li jkun fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li jinstemgħu l-provi fil-mertu qabel jiġu deċiżi dawn l-eċċezzjonijiet, u tat digriet f'dan is-sens;

7. Permezz ta' rikors datat sittax (16) ta' Marzu 2022 intavolat ai termini tal-Artikolu 229(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenut Jean Claude Bugeja talab lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha li ngħatat fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Marzu 2022, u dan għar-raġuni illi meta jitqiesu r-rikors ġuramentat u r-risposta ġuramentat flimkien u fit-totalita' tagħhom, jidher biċ-ċar illi din il-kawża hija mill-inqas relatata ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpaniji, jekk mhux addirittura regolata mill-istess Att;

8. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti, permezz ta' risposta datata tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2022 għar-rikors datat sittax (16) ta' Marzu 2022, opponew għat-talba sabiex tiġi rikonsidrata d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, u dan stante illi: (a) il-konvenut ma ta l-ebda raġuni għaliex ikun fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li din il-Qorti tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni preliminari qabel kollox, u (b) il-konvenut ma spjegax fiex jikkonsisti l-preġudizzju li se jġarrab bil-mod kif din il-Qortit stradat il-kawża waqt l-udjenza tal-għaxra (10) ta' Marzu 2022;

9. Permezz ta' digriet mogħti waqt is-seduta tat-tnax (12) t'April 2022, din il-Qorti laqgħet it-talba magħmula fir-rikors tas-sittax (16) ta' Marzu 2022, irrevokat *contrario imperio* d-deċiżjoni tagħha mogħtija waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Marzu 2022, u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla bis-smigħ tal-provi tal-partijiet u trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu;

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

11. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari sollevata mill-konvenut Jean Claude Bugeja fir-risposta ġuramentata tiegħu;

12. Rat illi waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2022 il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti, sollevata mill-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

14. Jiġi senjalat fl-ewwel lok illi l-eċċezzjoni preliminari in eżami hija bbażata fuq l-Artikolu 5A tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili (LS 12.19) illi jistabbilixxi illi:

> ***5A.*** *Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpaniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.*

15. Il-punt illi minnu wieħed irid jiddipartixxi sabiex jiġi determinat jekk Qorti għandhiex il-kompetenza tisma' kawża intavolata quddiemha jew le ġie kjarament spjegat fis-sentenza dwar eċċezzjoni preliminari tal-kompetenza *rationae valoris* ta' din il-Qorti mogħtija fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Company Ltd et***[1]. Għalkemm il-kawża kienet tirrigwarda mertu divers minn dak tal-kawża odjerna, il-punti enunċjati minn din il-Qorti kif diversement presjeduta jsibu applikazzjoni għal kwalsiasi eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' Qorti u/jew Tribunal:

> *Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, il-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ* [App. Ċiv. 7.10.1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)];

[1] Ċitazz Nru 2405/2000/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 25 ta' Settembru 2003 (in ġudikat)

*Illi l-imsemmija regola ewlenija hija komplimentata bl-oħra fejn jingħad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attriċi, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni* [App. Inf. 31.7.1996 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe*** (mhix pubblikata), u ara wkoll art. 754 tal-Kap 12]. *Kemm hu hekk, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru 1992 fil-kawża fl-ismijiet Ġużeppa Borg vs Maria Mizzi et* [P.A. JSP, Ċitazz 1104/92] *ingħad li "għall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, għandu jittieħed kont mhux biss tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut";*

Konsegwentement, għalhekk, il-kompetenza o meno ta' din il-Qorti sabiex tisma' l-kawża fil-mertu hija dependenti fl-ewwel lok fuq it-talbiet rikorrenti, u, fit-tieni lok, fuq l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

16. Mir-rikors promotur u t-talbiet rikorrenti, din il-Qorti tinnota tliet punti prinċipali, u cioe illi:

   a. L-atturi jippremettu illi kienu klijenti ta' Maltese Cross Financial Services Limited, b'dana illi Maltese Cross kienet tippresta servizzi t'investiment lir-rikorrenti. Fil-protest ġudizzjarju bir-referenza numru 356/2014 esebit in atti a fol 176 tal-proċess, ir-rikorrenti saħansitra jgħidu, *"Illi in oltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-protestanti jikkwalifikaw bħala "konsumatur" ai termini ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta)"*, u cioe jirrikonoxxu l-fatt illi r-relazzjoni tagħhom mas-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited kienet waħda ta' konsumatur u fornitur ta' servizz;

   b. Il-punt ta' tluq li minnu jiddipartixxu r-rikorrenti huwa illi l-intimat Jean Claude Bugeja, <u>fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur ta' Maltese Cross Financial Services Ltd</u>, wera nuqqas t'onesta' u *buona fede* fl-

inkarigu lilu mogħti, u r-rikorrenti jallegaw illi huwa wettaq frodi, falsifikazzjoni u misapproprjazzjoni bil-fondi illi fdaw f'idejn il-kumpanija r-rikorrenti. Dawn huma kollha punti relatati mal-obbligi ta' Direttur f'soċjeta' kummerċjali, liema obbligi jinsabu elenkati fl-Artikolu 136A tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe l-Att dwar il-Kumpaniji. Forsi wieħed jista' jqajjem il-punt illi l-konvenut kellu wkoll obbligi *qua* fiduċjarju fit-termini tal-Kodiċi Ċivili. Fil-ktieb tiegħu ***Principles of Maltese Company Law***[2], il-Prof Andrew Muscat jispjega:

> *As originally enacted, the Maltese Companies Act did not include any general statement on directors' "fiduciary" duties and duties of skill and care. This meant that serious doubts remained as to whether duties broadly corresponding to the fiduciary duties and the duties of skill and care as developed in English common law were applicable to directors of Maltese companies. [...]*
>
> *The absence of any general statement on directors' duties in the Companies Act as originally enacted, combined with the considerable doubt as to whether or not Maltese law imposed fiduciary duties and duties of skill and care, meant that this area of law needed urgent attention. Attention was in fact given a few years after the enactment of the Companies Act with the introduction, in 2003, of a clear and concise statement of directors' duties in a new article 136A of the Act. Moreover, a year later, these new rules governing directors' duties were supplemented by new provisions in the Civil Code setting out various obligations on fiduciaries generally.*

[2] Malta University Press (2007), p.410-411

Huwa evidenti, għalhekk, illi l-obbligi naxxenti mill-pożizzjoni ta' Direttur huma primarjament u prinċiparjament dawk emerġenti mill-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi l-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili rigward il-fiduċjarji huma provvedimenti supplimentari, b'dana illi wieħed irid jarahom fil-kuntest tad-dmirijiet tal-konvenut *qua* direttur fit-termini stabbiliti mill-Kap 386;

c. Ir-rikorrenti qed jitolbu, *inter alia*, dikjarazzjoni illi l-konvenut Jean Claude Bugeja, *"naqas mill-obbligi tiegħu bħala direttur tal-kumpaniji skond il-liġijiet viġenti b'mod partikolari l-Att dwar il-Kumpaniji, l-Att dwar Servizzi tal-Investiment u liġijiet sussidjarji tagħha, l-obbligi fiduċjarji ai termini tal-Kodiċi Ċivili, u li aġixxa b'qerq, frodi u misapproprjazzjoni fil-konfront tal-atturi bħala klijenti tas-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited"*. It-talbiet l-oħra, imbagħad, jibnu fuq l-ewwel talba, u cioe fuq it-talba illi tiċċentra dwar jekk Jean Claude Bugeja qediex id-dmirijiet tiegħu *qua* Direttur tas-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited jew le. Saħansitra anke mill-ewwel talba nnifisha, ir-rikorrenti jidher illi qed jirrikonoxxu illi d-dmirijiet ta' Direttur għandhom jiġu meqjusa prinċiparjament fid-dawl tal-provvedimenti tal-Att dwar il-Kumpaniji kif spjegat aktar 'il fuq;

17. Minkejja illi huwa minnu illi din hija kawża għal riżarċiment ta' danni sofferti mir-rikorrenti, u cioe kwestjoni illi mad-daqqa t'għajn jidher illi tispetta lill-din il-Qorti, jirriżulta lil din il-Qorti illi t-talbiet huma intrinsikament marbuta mal-Att dwar il-Kumpaniji u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, żewġ kapitoli fil-liġi illi, fit-termini tal-Artikolu 5A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19 jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ). Dan peress illi, sabiex tippronunċja ruħha mill-inqas fir-rigward tal-ewwel talba, il-Qorti illi quddiemha tinstema' l-kawża għandha tidentifika preċiżament x'inhuma l-obbligi tad-Direttur ta' kumpanija, u d-drittijiet tar-rikorrenti *qua* klijenti u/jew konsumaturi tas-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited;

18. Mill-banda l-oħra, mir-risposta ġuramentata, din il-Qorti tinnota żewġ punti prinċipali, u cioe illi:

a. It-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut tqajjem il-punt illi l-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur fil-kwestjoni bejn il-partijiet, iżda illi hija s-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited illi għandha tirrispondi għall-pretensjonijiet tal-partijiet. Din l-eċċezzjoni sejra awtomatikament tqajjem mistoqsija dwar jekk is-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited għadx għandha personalita' ġuridika u, fil-każ illi għandha, jekk għandhiex tkun parti mill-kawża. Sejra tirrikjedi wkoll, din l-eċċezzjoni, eżami dwar il-linja illi tifred is-soċjeta' nnifisha mid-Diretturi illi jmexxuha, u, fuq kollox, dwar x'inhi preċiżament il-pożizzjoni ġuridika ta' direttur ta' soċjeta' f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn huma kollha punti illi huma *"relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpaniji"*[3], illi għandhom għalhekk jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċjali);

b. Il-ħames eċċezzjoni sollevata mill-konvenut tqajjem il-punt dwar jekk għandhomx jiġu msejħa wkoll fil-kawża d-diretturi l-oħra tas-soċjeta' Maltese Cross Financial Services Limited, punt illi neċessarjament ser jitlob lill-Qorti teżamina l-pożizzjoni tal-konvenut vis-a-vis Diretturi oħra, u dan *considerando* t-termini tal-Artikolu 147 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

19. Għaldaqstant, in konsiderazzjoni tal-premess, tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, il-fatt illi kemm it-talbiet rikorrenti kif ukoll l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat sejrin awtomatikament jirrigardaw u jagħmlu referenza għal punti u materji relatati mal-Att dwar il-Kumpaniji, u in vista tal-fatt illi hemm Qorti speċjalizzata illi ġiet imwaqqfa speċifikament sabiex tisma' dawn it-tip ta' kawżi, din il-Qorti sejra **<u>tilqa</u>**' l-ewwel

[3] Artikolu 5A tal-LS 12.19

eċċezzjoni sollevata mill-intimat Jean Claude Bugeja, u tordna illi din l-azzjoni tkompli tinstema' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tilqa**' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Jean Claude Bugeja, u għalhekk

ii. **Tastjeni** milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-każ; u

iii. **Tirrimanda** l-atti quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fit-termini tal-Artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), u dan mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor, salv notifiki mill-ġdid.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jiġu deċiżi finalment mill-Qorti li tiddeċiedi l-vertenza finali.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**